MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 25/2007

Nazzareno sive Leslie Cardona
vs
Massimo u Maria Sonia konjugi Zahra

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Maria Sonia Zahra li bih esponiet:

Illi Maria Sonia Zahra kienet ghadha kif giet notifikata bil-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi kopja ta' liema mandat gie anness mar-rikors u mmarkata Dok A.

Illi l-mandat ta' qbid de quo kien gie ezegwit nhar id-9 ta' Jannar 2007 fuq kcina, salott, mobbli fil-kuritur, main bedroom, spare bedroom li kienu jinsabu lkoll fir-residenza tar-rikorrenti u kif ukoll fuq vettura Daewoo Matiz bin-numru ta' registrazzjoni DCZ 356. Peress illi r-rikorrenti kienet ressqet konsinnatarju din il-vettura kienet imqieghda go garaxx 34, Marsamxetto Road, Valletta.

Illi dan il-mandat kien inhareg minn Nazzareno Cardona bl-aktar mod vessatorju u kien car li kien intiz biss biex hu jgieghel lil Maria Sonia Zahra ccedi ghall-pretenzjonijiet tieghu sahansitra qabel ma tinstema’ l-kawza fuq il-mertu. Fil-fatt kif kien gie spjegat Nazzareno Cardona diga kellu l-pretensjonijiet tieghu kawtelati sufficjentement sahansitra minn Marzu tal-2006. Fil-fatt fl-14 ta’ Marzu 2006 hu kien talab il-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni fuq il-fond residenza ta’ Maria Sonia Zahra. Dan il-mandat kien gie milqugh u ghadu in vigore fuq il-fond Flat 7, Binja F, Ent. D. Pjazza F. Sciberras, Floriana liema appartament kellu valur ta’ madwar Lm65,000 kif kien jirrizulta mill-istima annessa mar-rikors mahruga mill-Perit Joseph Bondin (Dok S). Il-pretensjoni ta’ Nazzareno Cardona min-naha l-ohra kienet ferm izghar ta’ Lm10,339 apparti s-solitu riserva ghal imghax u spejjez.

Illi nonostante li, kif hawn fuq sottomess, il-pretensjoni ta’ Nazzareno Cardona kienet ikkawtelata, hu kien talab il-hrug ta’ addiritura zewg mandati ohra fil-21 ta’ Dicembru 2006, ossia l-mandat odjern u kif ukoll mandat iehor ta’ sekwestru numru 1859/06. Dwar dan il-mandat ta’ sekwestru hu diga kien intavola proceduri simili ghal dawn liema proceduri kienu jinstabu appuntati quddiem din il-Qorti ghas-17 ta’ Jannar 2006 (rikors numru 1149/06FS).

Illi apparti l-vessatorjeta` ta’ dan il-mandat stante li kien inhareg inutilment kif gie spjegat, Maria Sonia Zahra kienet qed issofri pregudizzju kbir. Hija kienet tghix wahedha fil-fond Flat 7, Binja F, Ent. D. Pjazza F. Sciberras, Floriana flimkien maz-zewgt itfal taghha ta’ hdax-il sena u tnax-il sena rispettivament. L-unika mezz ta’ trasport illi kellha kienet il-vettura li kienet giet maqbuda bil-mandat de quo. Fil-fatt din il-vettura kienet tintuza sabiex Maria Sonia Zahra tmur ghax-xoghol li kellha fl-Isptar St. Vincent De Paule u wkoll sabiex twassal lit-tfal taghha.

Illi kemm il-vettura msemmija u kif ukoll l-ghamara maqbuda bil-mandat de quo kienu lkoll mehtiega biex

jassiguraw ghijxien dicenti kif provdut fl-artikolu 293(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi apparti minn hekk inghad ukoll illi Maria Sonia Zahra ma kenitx giet interpellata bl-ebda mod illi Nazzareno Cardona kien ser jipprocedi bil-hrug ta' mandat iehor oltre l-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq imsemmi.

Ir-rikorrenti kienet talbet lil din il-Qorti:

i. tirrevoka l-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 836(1)(b),(c),(e) u (f) tal-Kap.12, jew

ii. minghajr pregudizzju jekk jidrilha li dan mhux il-kaz, allura tawtorizza lil Maria Sonia Zahra sabiex terga' tiehu lura l-pussess tal-vettura msemmija u taghmel uzu mill-oggetti maqbuda sakemm tigi deciza finalment il-kawza fil-mertu, u

iii. tikkundanna lil Nazzareno Cardona jhallas dik il-penali li l-Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi stante li avveraw ruhhom ic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12,

u dan taht il-provedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-rikors 1858/06 u r-riferta tal-marixxall u l-mandat ta' inibizzjoni 402/06 kif ukoll dokumenti ohra annessi.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Nazzareno Cardona (fol 17) li biha espona:

Illi hu kien jopponi kategorikament u bil-qawwa kollha t-talbiet dedotti fir-rikors intavolat minn Maria Sonia Zahra, u dan kif spjegat aktar 'l isfel.

Illi kien sorprendenti kif kull tentattiv ta' notifika ta' l-atti tal-kawza lil Maria Sonia Zahra s'issa kien irrizulta fin-neggativ, filwaqt li kellu jkun il-mandat odjern u l-mandati

intavolati precedentement sabiex l-istess Maria Sonia Zahra tattakka l-mertu tal-kawza.

Illi l-procedura odjerna intavolata minn Maria Sonia Zahra ma kienx ghajr ripetizzjoni ta’ rikors simili, fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni enumerat 402/2006, bid-differenza li filwaqt li fil-procedura intavolata precedentement Maria Sonia Zahra ressqet argumentazzjoni li hija ma kellhiex taghmel tajjeb ghad-debitu kommess mir-ragel taghha, fil-kaz odjern, hi ressqet l-argumentazzjoni li l-pretensjoni ta’ Nazzareno Cardona kienet kawtelata sufficjentement.

Illi Maria Sonia Zahra kienet ipprezentat stima tal-fond li kien gravat mill-Mandat ta’ Inibizzjoni 402/2006, liema stima apparti li ma kenitx debitament mahlufa, ma kenitx tindika l-pizijiet li  jinsabu vigenti fuq l-istess proprjeta`, fosthom self bankarju li mill-informazzjoni li kellhu Nazzareno Cardona, kien kwazi ekwivalenti ghall-valur tal-proprjeta` indikata fl-istess stima annessa.

Illi Nazzareno Cardona kien ser issofri pregudizzju irrimedjabbli fl-eventwalita` li jintlaqghu t-talbiet kontenuti intavolati fir-rikors odjern, u dan stante li tali mandat kien necessarju u indispensabbli sabiex jikkawtela l-kreditu tieghu fil-konfront tad-debituri, u dan kif kien ser ikun konfermat fit-trattazzjoni tar-rikors odjern.

Illi di piu`, u minghajr pregudizzju ghall-permess, l-Artikolu 836, tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, citati minn Maria Sonia Zahra kienu inapplikabbli ghall-kaz odjern, peress li hu kien ser isofri pregudizzju irrimedjabbli fl-eventwalita` li t-talbiet ta’ Maria Sonia Zahra jigu milqugha minn din l-Qorti, u Nazzareno Cardona irrileva li t-talbiet fir-rikors promotur kellhom jigu michuda.

Ghaldaqstant in vista tal-permess, Nazzareno Cardona talab li din il-Qorti, tichad it-talbiet ta’ Maria Sonia Zahra bl-ispejjez kontra l-istess Maria Sonia Zahra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2007 il-partijiet qablu li:

"1. Il-pretensjoni ta' Nazzareno sive Leslie Cardona hija ghal Lm10,339.

2. Li hemm intavolat Mandat ta' Inibizzjoni 402/06 tal-imsemmi Cardona kontra Massimo Zahra u Sonia Zahra ghall-imsemmi ammont.

3. Li hemm ukoll Mandat ta' Qbid 1858/06 tal-imsemmi Cardona kontra Massimo Zahra u Sonia Zahra ghall-imsemmi ammont.

4. Li hemm Mandat ta' Sekwestru 1859/06 tal-imsemmi Cardona kontra Massimo Zahra u Sonia Zahra ghall-imsemmi ammont.

5. Li hemm proceduri bejn il-partijiet ghall-21 ta' Frar 2007 (Rikors Numru 284/06FS).

6. Li fit-28 ta' Gunju 2006 din il-Qorti kif presjeduta kienet tat digriet dwar ir-rikors 319/06 fuq il-Mandat ta' Inibizzjoni fis-sens li cahdet it-talba ghar-revoka tal-mandat u ma kienx applikabbli l-artikolu 836(8)(d) kif ukoll stabbiliet garanzija biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali fis-sens li ordnat lil Nazzareno Cardona biex fi zmien 15-il gurnata jaghmel garanzija ta' Lm3,000.

Inoltre Dr. Camilleri jiddikjara li fuq id-dar in kwistjoni hemm loan ta' Lm50,000.

Dr. Cherrett tiddikjara li apparti l-loan tal-bank hemm ukoll kuntratt tat-28 ta' Jannar 2005 fl-Atti tan-nutar Dr. Patricia Hall li minnu jirrizulta li hemm ipoteka favur Jason Jesmond Cini fl-ammont Lm20,700 fuq il-post in kwistjoni."

Rat il-verbal tat-12 ta' Frar 2007 kif ukoll id-dokumenti esebiti fit-13 ta' Frar 2007.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi r-rikorrenti qed tibbaza r-rikors taghha fl-ewwel lok a tenur tal-paragrafi (b), (c), (e) u (f) tas-subartikolu (1) ta' l-

artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan jipprovdi illi:
836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta’ l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;

(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta’ min ikun talab il-hrug ta’ l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta’ att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista’ ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il- pretensjoni; jew

(e) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-qorti li tkun bizzejjed; jew

(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m’huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Issa, kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawza “**Camilleri vs Gove` et**”, deciza fl-10 ta’ Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01:
“li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ ***prima facie***, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.”

Illi l-iskop ta’ mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet <u>gja ezistenti taghha</u> u mhux li

tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina”** deciza fis-27 ta’ Novembru, 1991 fejn inghad:
“id-dritt ta’ kawtela – cjoe` d-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista’ jigi kawtelat. Dawn (id-dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m’ huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat”. Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma “tikkonfondix l-kuncett ta’ kawtela ma’ dik ta’ garanzija ta’ drittijiet”.

Ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti biex tezamina jekk dwar l-att attakkat intweriex li l-ammont mitlub ma hux ***prima facie*** gustifikat jew ikun eccessiv biex jikkawtela d-drittijiet gja ezistenti ta’ Nazzareno Cardona u mhux li jigu garantiti d-drittijiet potenzjali futuri tieghu. Dwar il-**GUSTIFIKAZZJONI** rrizulta li ***prima facie*** jidher li Nazzareno Cardona ghandu dritt ghall-ammont ta’ Lm10,339 rapprezentanti bilanc minn somma mislufa ***brevi manu***. Dan iwassal lill-Qorti biex tqix li l-hrug tal-mandat kien ***prima facie*** gustifikat. Jidher ukoll li tali kreditu ghadu fil-fatt jezisti, 836(1)(b).

Il-Qorti trid tezamina wkoll jekk l-ammont imsemmi kienx wiehed **ECCESSIV**. L-ammont gie konfermat minn Nazzareno Cardona. Jidher mill-verbal li fil-fatt hemm garanziji ohra izda li fil-kumpless tal-haga ghalkemm hemm mandat ta’ inibizzjoni fuq il-fond b’Entratura D, formanti parti minn korp ta’ bini bla numru maghruf bhala binja Filippo Sciberras, fi Pjazza Filippo Sciberras, il-Furjana, fl-istess hin irrizulta self b’ipoteka favur il-bank ta’ Lm50,000 ghalkemm skond stima tal- perit Joseph Bondin il-fond jiswa Lm65,000.

Dwar l-aspett li fic-cirkostanzi ma jkunx **RAGONEVOLI LI JINZAMM FIS-SEHH** l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m’huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli, il-Qorti ma thossx li l-mandat ta’ qbid ghandu

ghalfejn jibqa' fis-sehh meta hemm vigenti mandat ta' inibizzjoni kif ukoll ta' sekwestru.

Certament li mhumiex applikabbli d-disposti dwar **PENALI.** Illi Maria Sonia Zahra sosniet li dana l-mandat jikser ukoll l-Artikolu 836 (8)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 836 (8) (b) jghid li penali tista' tigi imposta:
"jekk, fuq talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed:

Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;"

Ghalhekk in-nonosservanza ta' dan il-perjodu ma jfissirx li l-penali tapplika awtomatikament. Gie ritenut fuq li l-hrug tal-mandat jidher ***prima facie*** gustifikat. Ghalhekk ma tilqax it-talba dwar penali.

Dwar it-talba ghal **DANNI** dawn huma applikabbli fil-kazijiet li jaqghu taht is-sub-artikolu (8) tal-artikolu 836. Kif ghadu kif inghad dan ma hux applikabbli.

Ukoll danni jinghataw rarament. Fid-decizjoni dwar **Blye Engineering Co. Ltd. vs Paolo Bonnici Ltd.** deciza fis-7 ta' Lulju, 2004 il-Qorti qalet:
"Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccosament jew *b'mala fede*, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha".

Ukoll fid-decizzjoni **tal-SN Properties Ltd. vs Camilleri** deciza fis-6 ta' Gunju 2000 intqal li:
"jkun hemm abbuz mill-hrug tal-mandat … meta jkun hemm ***mala fede***, vessatorjeta` jew negligenza grossolana".

Dan certament ma japplikax fil-kaz odjern ghax dawn l-elementi ma jirrizultawx u ghalhekk tichad din it-talba.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn dan ir-rikors billi:

Tilqghu u tordna r-revoka tal-mandat ta’ qbid ghall-motivi fuq imsemmija.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------